MALTA

# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

**ĠUDIKATUR**
**DR. ANNA MALLIA**

**Seduta tal-10 ta' Novembru 2016**

**Talba numru 697/14 AM3**

**Lista Numru: 3**

**Theresa Bartolo**
**Flat 4, Belair, Dawret in-Nawfragju,**
**Xemxija**
**Vs**
**Charles Bartolo**
**198, Triq is-Salib,**
**Mellieha**

**It-Tribunal,**

Ra t-talba prezentata mill-attrici fis-06 ta' Ottubru, 2014 li permezz taghha talbet li l-konvenut jigi ordnat ihallasha s-somma ta' tlett elef mija u hamsin ewro (€3,150) ai termini tal-klasola numru sebgha (7) tal-kuntratt ta' separazzjoni bejn l-partijiet tat-18 ta' Gunju, 2012 li permezz tieghu l-konvenut obbliga ruhu li jhallas il-kirja tal-fond li martu u wliedu jghixu fih, liema kirja hija ta' tlett mija u hamsin ewro (€350) fix-xahar. Li tali arretrati huma ghax-xhur ta' Settembru, 2013 sa Mejju, 2014; li minkejja li l-konvenut gie interpellat diversi drabi huwa baqa' inadempjenti, bl-ispejjez.

Ra r-risposta tal-konvenut li permezz taghha eccepixxa li dan it-Tribunal ma ghandux kompetenza stante li hemm kawza dwar il-mertu li ghadha *sub judice*; li bla pregudizzju ghal premess meta sar il-kuntratt ta' separazzjoni l-konvenut kien mahkum minn tendenzi suwicidali, ma kienx jaf x'qed isir u lanqas gie mgharraf dwar x'kien qed isir mill-Avukati rispettivi tal-partijiet.

Ra d-dokumenti ezebiti mill-partijiet;

Ra x-xhieda tal-attrici a fol 110 et  li halfet li l-kera baqghet ma thallsitx u li skont il-kuntratt ta' separazzjoni tat-18 ta' Gunju, 2013 fl-atti tan-Nutar Joseph Abela, zewgha kellu jhallas tlett mitt (€300) manteniment ghal uliedhom u l-kera fejn tkun toqghod mat-tfal sakemm l-izghar minn uliedhom jaghlaq hamsa u ghoxrin (25) sena u li l-kera ma kellhiex tkun aktar minn tlett mija u hamsin ewro (€350) fix-xahar.  Hija prezentat il-kuntratt ta' kera li kellha mas-Socjeta' Rocs tal-fond 84, Triq in-Nahar, Mellieha. Tali kuntratt jghid li l-kirja saret ma' Charichelon Company Limited.

Ra l-affidavit tal-konvenut li huwa ghamel kawza quddiem il-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) biex jimpunja l-kuntratt ta' separazzjoni u l-kawza qeghda ghas-sentenza ghas-26 ta' Mejju, 2016 quddiem l-Imhallef Robert Mangion u ghalhekk jkun opportun li dan it-Tribunal jistenna l-ezitu tas-sentenza u li jiddebuta mill-veracita' tal-kuntratt ta' lokazzjoni ezebit mill-mara li jirreferi ghal kera tal-fond li jinsab 84, Triq in-Nahal, Mellieha.

Ra li l-partijiet fis-seduta tal-10 ta' Gunju, 2016 ddikjaraw li ghalqu l-provi taghhom.

Ra n-nota ta' sottomissjonijiet tal-partijiet;

Ikkunsidra

Li din hija kawza fejn l-obbligazzjoni li ntrabat li jhallas il-konvenut fil-kuntratt ta' separazzjoni ta' bejn il-partijiet hija cara.  L-Artikolu 7 tal-istess kuntratt huwa car u jobbliga lir-ragel li jhallas il-kera ghal fond fejn martu u wliedu sakemm iz-zghir jaghlaq hamsa u ghoxrin (25) sena jkunu qed jghixu basta li tali kera ma tkunx aktar minn tlett mija u hamsin ewro (€350) fix-xahar.

Il-kawza li l-konvenut intavola quddiem il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) kawza numru 203/13 RGM li permezz taghha pprova jimpunja dan il-kuntratt ta' separazzjoni giet deciza fis-26 ta' Mejju, 2016 u l-konvenut tilifha.

Dan it-Tribunal jafu minn ricerka li ghamel huwa stess fir-Registru tal-istess Qorti Civili (Sezzjoni Familja) u ghalhekk l-eccezzjoni dwar il-kompetenza hija ormai sorvolata u qed tigi michuda. Tenut kont ukoll li l-konvenut talab li din il-kawza ma tigix deciza sakemm tigi deciza l-kawza 203/13 RGM, u gara li hekk sar ghax il-kawza giet deciza.

Illi dwar id-dubji li l-konvenut jghid li ghandu dwar il-veracita' tal-kuntratt ta' lokazzjoni huwa ma gab xejn provi dwar dan u ghalhekk dan it-Tribunal ma jistax jiehu konjizzjoni ta' din l-allegazzjoni maghmula mill-konvenut fl-affidavit tieghu.

Jirrizulta ghalhekk li t-talba tal-attrici giet pruvata.

Ghaldaqstant dan it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talba tal-attrici u jordna lil konvenut sabiex ihallas lill-attrici s-somma ta' tlett elef mija u hamsin ewro (€3,150) bl-imghax legali li jibda jiddekorri mid-data ta' din id-decizjoni.

Bl-ispejjez a karigu tal-konvenut.

**Dr Anna Mallia**
**Gudikatur**